MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 23/2022 LM

**Nithila Koppiyil Mohanan**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs u b'korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-3 ta' Ġunju, 2022, żdiedu l-kliem Identity Malta Agency kif delegata biex taqdi l-funzjonijiet tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijati**

*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Nithila Koppiyil Mohanan (detentriċi tal-permess ta' residenza ta' Malta numru 0224690A u tal-Passaport Indjan numru M5529794)**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni

tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, (minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’), tal-14 ta’ Marzu, 2022 (minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’) li permezz tagħha l-Bord ikkonferma d-deċiżjoni tal-intimata **Identity Malta Agency nomine** [minn issa ‘l-intimta nomine’ jew ‘l-appellata nomine’] tal-15 ta’ Ottubru, 2021, iżda mingħajr preġudizzju għal xi applikazzjoni oħra li l-appellanta jista’ għandha f’isimha.

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li r-rikorrenti applikat għal *Single Permit ai termini* tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 sabiex taħdem bħala *Operations Manager* ma’ 350 Grams Limited (C 99226). Fil-15 ta’ Ottubru, 2021, l-intimata nomine tat deċiżjoni amministrattiva, fejn iddeċidiet li l-applikazzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda, u dan għaliex meta sar l-eżerċizzju ta’ *due diligence,* instab li l-istabbiliment li miegħu kellha taħdem ir-rikorrenti ma kienx kopert b’liċenzja tal-MTA. F’din l-ittra ngħad ukoll li r-rikorrenti kellha tħalli Malta fi żmien għaxart ijiem, sakemm ma kellhiex xi forma ta’ awtorizzazzjoni oħra biex tkun tista’ tibqa’ fil-pajjiż. Din id-deċiżjoni ġiet notifikata mill-intimata nomine lill-prinċipal prospettiv tal-appellanta 350 Grams Limited fil-21 ta’ Ottubru, 2021.

**<u>Mertu</u>**

3. Jirriżulta li l-avukat difensur tar-rikorrenti intavola l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-intimata nomine permezz ta’ *email* mibgħuta lill-Bord fit-22 ta’

Ottubru, 2021, jiġifieri l-għada tan-notifika tad-deċiżjoni tal-intimata nomine lill-prinċipal prospettiv. F'dan l-appell ingħad li r-rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni mogħtija mill-intimata nomine għaliex l-Aġenzija JobsPlus naqset milli tagħmel eżerċizzju ta' *due diligence* dwar l-operat tan-negozju tal-prinċipal prospettiv, kif ukoll naqset milli tistabbilixxi l-fatti. Qalet ukoll li l-impjieg tar-rikorrenti mal-prinċipal prospettiv ma kienx jiddependi mil-liċenzjar tan-negozju fejn kellha tiġi impjegata.

4. L-intimata nomine, fir-risposta tagħha spjegat li fil-5 t'Awwissu, 2021, uffiċjal minn Jobsplus talab lill-prinċipal prospettiv tar-rikorrenti għal kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpannija li kienet ser tkun impjegata magħha r-rikorrenti, kjarifika dwar ir-raġuni għalfejn kien hemm persuna waħda biss irreġistrata ma' din il-kumpannija, u aktar informazzjoni dwar in-natura tan-negozju. Fis-6 t'Awwissu, 2021, l-istess uffiċjal ġie nfurmat li l-kumpannija in kwistjoni kienet sejra topera stabbiliment tal-*catering* u li hija *startup.* Qalet ukoll li l-pjan huwa li jiġu ingaġġati aktar impjegati ladarba n-negozju jibda jopera. Ġie ppreċiżat ukoll li l-liċenzja tal-MTA tinħareġ wara li jsiru l-applikazzjonijiet rilevanti għall-installazzjoni tad-dawl u l-ilma fil-post. Mill-aħħar korrispondenza li kien hemm bejn Jobsplus u l-prinċipal prospettiv, jirriżulta li sal-1 ta' Ottubru, 2021, kien beda l-proċess ta' *compliance* mal-MTA, iżda sa din id-data ma kinitx għadha nħarġet liċenzja mill-MTA. Kien għalhekk li l-Jobsplus irrakkomandat li l-permess li talbet ir-rikorrenti ma jingħatax, u sussegwentement l-intimata nomine nnotifikat lill-prinċipal prospettiv ir-rifjut tagħha għall-applikazzjoni tar-rikorrenti.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Marzu, 2022, il-Bord iddeċieda li d-deċiżjoni tal-intimata nomine għandha tiġi kkonfermata għaliex ġie stabbilit li r-rikorrenti ma kinitx impjegata ma' 350 Grams Limited, iżda ta direzzjoni wkoll li din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal xi applikazzjoni oħra li r-rikorrenti jista' għandha f'isimha, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1.**Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 15th October, 2021, Identity Malta Agency stated that appellant's permit to reside in Malta had been revoked as her employment had been terminated;*

*Saw the appeal registered on 22nd October, 2021; and*

*Saw that no reply from Identity Malta Agency was found in the file.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*Through legal counsel, the appellant stated that she wished to appeal the relative decision and to be granted an opportunity to submit her grievances in detail together with all supporting documentation.*

*The appellant claimed:*

- *That Jobsplus failed to perform proper due diligence into the employer's business operations; and*
- *That the appellant's employment did not depend on the licence being in hand.*

*The Board considers it useful to restate, at this point, that the Agency's decision is about the revocation of a permit due to termination of employment. Therefore, in order to prevail an appellant must either provide evidence that the Agency's decision is incorrect (that is to say that it is not true that the appellant's employment was terminated) or that in the meantime, the appellant has secured alternative employment and has lodged a fresh Single Permit application relative to the prospective employment. In this case, no such evidence was provided.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions, as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board confirms the Agency's decision as it is not contradicted that she no longer works for 350 Grams Limited but directs that this is without prejudice to any pending Single Permit application in her name.*

*The Board directs that any and all Single Permit applications in the appellant's name be processed and decided upon according to law.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fl-24 ta' Marzu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka kompletament id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-14 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tkompli tisma' u tiddetermina l-appell fil-mertu hija stess jew alternattivament tirrimanda l-atti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni sabiex dan jerġa' jisma' l-appell fil-mertu.

7. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-appellata nomine, u wara li spjegat il-fatti kif ġraw, ikkonfermat li l-appell f'isimha ntbagħat lill-Bord permezz ta' *email,* ġurnata biss wara li d-deċiżjoni tal-appellata nomine ġiet notifikata lill-prinċipal prospettiv tagħha. Qalet li dak iż-żmien, in vista tal-pandemija tal-COVID-19, kienet prattika aċċettata li l-intavolar ta' kull tip ta' atti quddiem il-Bord isir b'mod elettroniku fuq l-indirizz tal-*email* uffiċjali tal-Bord, u għalhekk l-appell f'isimha ġie ppreżentat b'mod regolari entro t-terminu stabbilit fil-liġi. Qalet li permezz ta' *email* oħra tat-8 ta' Novembru, 2021, l-avukat difensur tagħha ppreżenta s-sottomissjonijiet bil-miktub in sostenn tal-appell li tressaq f'isem l-appellanta. L-appellanta qalet li mid-diċitura tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord, għandu jirriżulta li s-sottomissjonijiet tagħha ma ġewx debitament reġistrati u inklużi fl-atti tal-appell relattiv, u kien għalhekk li dawn ma ġewx ikkonsidrati mill-Bord qabel dan għadda għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellanta qalet li l-fatti juru wkoll li s-sottomissjonijiet tagħha ma ġewx irreġistrati uffiċjalment fl-atti tal-appell relattiv minħabba f'nuqqasijiet amministrattivi attribwibbli lill-Bord, u li għalhekk huwa ferm inġust li l-appellanta issa qiegħda ssofri l-konsegwenzi legali ta' żball li hija ma taħtix għalih. Qalet ukoll li mingħajr preġudizzju għall-aggravju l-ieħor dwar in-nuqqas tal-Bord li jqis x'inhu l-mertu ta' dan l-appell, huwa ċar li d-deċiżjoni tal-Bord hija riżultat ta' żball amministrattiv fejn ġew kompletament skartati s-sottomissjonijiet tagħha. L-appellanta qalet li f'dan il-każ sar biss eżerċizzju ta' *copy and paste,* fejn dak li qal il-Bord ma jagħmilx sens għaliex f'mument minnhom il-Bord qal li l-appellanta ma ressqitx sottomissjonijiet, filwaqt li f'punt ieħor il-Bord qal li ra s-sottomissjonijiet imressqa mill-appellanta.

8. L-appell tal-appellanta huwa bbażat fuq tliet aggravji ewlenin. Fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li l-Bord kien indott minn żball amministrattiv serju attribwibbli lill-Bord innifsu u/jew lill-uffiċjali addetti tiegħu, u għalhekk dan għadda biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma ħa konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-appellanta, u b'hekk ċaħħadha minn smigħ xieraq u skont il-liġi. L-appellanta qalet ukoll li l-Bord naqas milli jqis is-sottomissjonijiet miġjuba minnha meta ddeċieda l-appell, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Bord hija vjolattiva tal-liġi u tad-dritt tagħha li l-appell tagħha jinstema', bi ksur ukoll tad-dritt tal-appellanta li tingħata smigħ xieraq. L-appellanta qalet li kien ikun xieraq li l-appell tagħha jiġi kkonsidrat b'mod sħiħ u sewwa, wara li l-Bord iqis is-sottomissjonijiet ippreżentati minnha.

9. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li fil-mertu id-deċiżjoni appellata hija bbażata fuq punt li huwa totalment estraneju u irrilevanti għall-każ odjern. Qalet li l-Bord stqarr li d-deċiżjoni tal-Aġenzija ttieħdet abbażi tal-fatt li kien hemm terminazzjoni tal-impjieg tagħha, u dan meta mid-diċitura tad-deċiżjoni tal-appellata nomine għandu jirriżulta li d-deċiżjoni ta' rifjut ittieħdet abbażi tal-fatt li l-Malta Tourism Authority ma kinitx għadha ħarġet liċenzja lill-istabbiliment fejn kienet sejra taħdem l-appellanta. Qalet li għalhekk il-Bord qabad il-kwistjoni ta' taħt fuq, u bbaża d-deċiżjoni appellata fuq punt li ma jinkwadrax ruħhu fl-atti. Qalet li għalhekk il-Bord għamel konsiderazzjonijiet żbaljati, u dan il-fatt għandu jwassal għar-revoka tad-deċiżjoni appellata.

10. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta ssostni li d-deċiżjoni tal-appellata nomine hija wkoll manifestament żbaljata u leżiva tal-jeddijiet tal-appellanta. Qalet li kif kien manifest mill-applikazzjoni għal *Single Permit*

sottomessa minnha, ir-rwol li fih ġiet ingaġġata l-appellanta huwa bħala *Operations Manager* u minkejja l-oġġezzjoni ta' Jobsplus, dan ir-rwol mhux marbut direttament mal-kisba tal-permess tal-MTA għal ħanut tal-ikel. Qalet li kull operatur fi stadju ta' *start-up* għandu jkollu l-libertà li jingaġġa persuni sabiex jassistu fil-ħidma preparatorja qabel jiġi varat in-negozju, kif kien hemm il-ħsieb li jsir bir-rwol tal-appellanta bħala *operations manager.* Qalet li min-natura tagħha, id-deċiżjoni appellata hija żbaljata għaliex toħloq kategorija ta' restrizzjonijiet fuq l-impjieg li ma joħorġux mil-liġi. Qalet li fil-liġi imkien m'hemm ipprovdut li sabiex negojzu jimpjega persuni, jeħtieġ apparti s-soliti rekwiżiti, li jkun hemm ukoll liċenzja tal-MTA. Qalet li apparti li dan kollu jmur kontra l-loġika u l-liġi, is-sentenza appellata toħloq grad ta' diskriminazzjoni kontra kumpanniji żgħar li għadhom jibdew fil-kummerċ, kif ukoll kontra l-impjegati prospettivi tagħhom, u jekk l-applikazzjonijiet simili għal dik tal-appellanta kellhom jiġu ttrattati bl-istess mod, ikun impossibbli li negozju ġdid jirrekluta u jinvesti fil-kapital uman. L-appellanta spjegat li f'dan il-każ kien hemm bżonn tas-servizzi tagħha għaliex l-ikel li ser ikun qiegħed jiġi servut mill-istabbiliment fejn hija kienet ser tkun impjegata, huwa ikel tipiku tal-pajjiż minn fejn toriġina l-appellanta, u għalhekk ir-rwol tagħha kien aktar maħsub biex ikun bħala konsulenza milli bħala ħidma diretta fit-tisjir u assistenza lill-konsumaturi. Qalet li biex tippresta servizz ta' konsulenza hija m'għandha bżonn tal-ebda liċenzja maħruġa mill-MTA kif ippretendiet l-appellata nomine.

## <u>Ir-Risposta tal-Appell</u>

11. L-appellata nomine fir-risposta tagħha wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-

appellanta, l-appellata nomine qalet li dan l-aggravju jrid jitqies skont il-każistika ta' din il-Qorti u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali li għandu jħares il-Bord. Qalet li l-Bord mhux marbut b'xi regola ta' proċedura ġenerali, iżda dan ma jfissirx li l-proċedura adoperata ma tistax tiġi eżaminata. Qalet iżda li dan ifisser li sakemm il-proċeduri ma jmorrux lil hinn mil-liġi jew mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali, il-Bord huwa fil-libertà li joħloq ir-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Qalet li hija prassi tal-Bord li f'kull appell jagħti l-opportunità lill-appellant li fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-intavolar tal-appell tiegħu, iressaq il-provi dokumentarji kollha li huwa jqis li huma rilevanti għall-każ tiegħu. Ingħad li għandu jirriżulta mill-kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-appellanta, li hija ġiet infurmata b'dan, u l-istess opportunità ingħatat lill-appellata nomine. Għaldaqstant jidher li din ir-regola tal-proċedura tirrispetta l-prinċipju tal-'*equality of arms'*. L-appellata nomine qalet li din ir-regola ma tnaqqasx mill-opportunità tal-appellanta li tressaq il-każ tagħha, u regoli simili ta' proċedura dwar il-preżentazzjoni tal-provi jinsabu applikati mill-Qrati u Tribunali tagħna. Żiedet tgħid li meta l-avukat difensur tal-appellanta ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu permezz ta' *email* datata t-8 ta' Novembru, 2021, it-terminu ta' ħmistax-il jum mill-intavolar tal-appell kien skada. L-appellata nomine żiedet tgħid li l-Bord kellu d-diskrezzjoni li jagħżel hu jekk iwarrabx din ir-regola li jadopera f'kull appell, u jagħti l-opportunità lill-appellanta li tressaq dokumenti ulterjuri. Qalet ukoll li hija ma tqisx li l-appellanta ġiet imċaħħda milli tressaq il-każ tagħha b'mod li jkollha l-istess opportunità li ngħatat lilha, u f'każ li jirriżulta li kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-Bord, dan m'għandux jirrifletti fuq l-appellata nomine li hija għal kollox indipendenti mill-Bord.

12. L-appellata nomine qalet li t-tieni u t-tielet aggravju huma dwar il-mertu tad-deċiżjoni tal-Bord, u dawn huma dwar punti ta' fatt u mhux ta' liġi. F'dan ir-rigward ġie eċċepit li appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, u għamlet riferiment għal għadd ta' deċiżjonijiet in sostenn tal-argument tagħha li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tintalab teżamina l-fatti mill-ġdid. Imma minkejja dan l-appellata nomine qalet li xorta waħda ser tkun qegħda tindirizza l-aggravji mqajma mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellata nomine qalet li huwa minnu li l-Bord għal xi raġuni kien skorrett meta għamel riferiment għar-raġuni wara d-deċiżjoni tal-appellata nomine, għaliex id-deċiżjoni tal-appellata nomine ma kinitx dwar revoka ta' permess minħabba terminazzjoni ta' impjieg, iżda kienet dwar ċaħda ta' applikazzjoni għal *Single Permit* wara li saret id-diliġenza dovuta. Qal li jidher però li kien biss dan il-paragrafu partikolari li għamel dan ir-riferiment żbaljat, u fil-fatt fl-istess deċiżjoni, il-Bord jagħmel riferiment għall-fatt li b'riżultat tad-diliġenza dovuta ġie kkonfermat in-nuqqas ta' liċenzjar tal-prinċipal prospettiv mill-MTA. L-appellata nomine hawn qalet li kwalunkwe nuqqas tal-Bord m'għandux jirrifletti fuq l-operat tagħha, għaliex huwa aġixxa b'mod kompletament indipendenti mill-Bord.

13. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellata nomine għamlet riferiment għar-Regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17[1], u

[1] "Wara li jsiru l-konsultazzjonijiet interni neċessarji mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ingħatax permess biex jaħdem f'Malta skont l-artikolu 11(3) tal-Att, fejn l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom jeżaminaw dik l-applikazzjoni fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, il-volumi stabbiliti ta' ammissjoni, jew kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali oħra li tista' titqies bħala ġustifikata, id-Direttur għandu jadotta deċiżjoni fuq l-applikazzjoni sħiħa, mill-aktar fis, u fi kwalunkwe każ fi żmien erba' xhur mid-data li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni:
Iżda dan it-terminu perentorju jista' jiġi estiż f'ċirkustanzi eċċezzjonali marbuta mal-kumplessità tal-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni."

qalet li għandu jirriżulta evidenti għalhekk li ma nħolqu l-ebda restrizzjonijiet ġodda, iżda l-appellata nomine għamlet il-konsultazzjonijiet neċessarji, u f'dan il-każ Jobsplus ma rrakkomandatx il-ħruġ tal-permess proprju għaliex fid-diliġenza dovuta rriżulta li l-istabbiliment fejn kienet ser tigi mpjegata l-appellanta, ma kellux liċenzja tal-MTA. B'riferiment għall-allegazzjoni tal-appellanta li d-deċiżjoni tal-Bord toħloq grad ta' diskriminazzjoni, l-appellata nomine qalet li eżami dwar sejbien ta' diskriminazzjoni jsir taħt il-lenti tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u dan mhuwiex eżami li għandu jsir f'dan il-forum. L-appellata nomine qalet li huwa ben stabbilit li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tagħmel eżami dwar dawn il-kwistjonijiet, u kkonkludiet ir-risposta tagħha billi qalet li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell miġjub mill-appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Bord, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata nomine fir-risposta tagħha. L-appellanta hija ċittadina ta' pajjiż terz, li għamlet applikazzjoni għal *Single Permit* sabiex tkun tista' taħdem hawn Malta. Jirriżulta li waqt li kien qiegħed isir id-*due diligence* tal-applikazzjoni tal-appellanta mill-aġenzija Jobsplus, ġie stabbilit li l-istabbiliment li kellha tibda taħdem miegħu l-appellanta ma kellux liċenzja tal-*Malta Tourism Authority,* u għalhekk inġibdet l-attenzjoni tal-prinċipal prospettiv għal dan in-nuqqas. Wara li għaddew diversi ġimgħat u din il-liċenzja baqgħet ma nkisbitx, l-aġenzija Jobsplus irrakkomandat li l-permess li

talbet l-appellanta ma jingħatax. L-appellata nomine mxiet ma' din ir-rakkomandazzjoni li ngħatat billi infurmat lill-appellanta li l-permess li talbet ma kienx sejjer jingħata. Mill-atti ma jirriżultax li l-appellanta kienet taħdem u li l-impjieg tagħha kien ġie tterminat, u għalhekk safejn id-deċiżjoni tal-Bord hija bbażata fuq il-premessa li l-impjieg tal-appellanta kien ġie tterminat, id-deċiżjoni tal-Bord hija fattwalment skorretta.

*L-ewwel aggravju:* *is-sottomissjonijiet tal-appellanta*

15. L-appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata għaliex jirriżulta li s-sottomissjonijiet tagħha ma ġewx inseriti fl-atti tal-proċeduri li saru quddiem il-Bord, u għalhekk il-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma kkonsidra s-sottomissjonijiet tagħha. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-appellanta qalet li anki f'każ li jirriżulta li s-sottomissjonijiet tal-appellanta ddaħħlu tard, anki s-sottomissjonijiet tal-appellata nomine ġew ittimbrati li ddaħlu tard, imma is-sottomissjonijiet tal-appellata ġew inseriti fl-atti u għalhekk aktarx li ġew ikkonsidrati mill-Bord. L-appellanta tgħid li dan imur kontra l-prinċipju tal-*equality of arms* li jrid iħaddem il-Bord, u għandu jirriżulta għalhekk li hija ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha għal smigħ xieraq.

16. Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li s-sottomissjonijiet tal-appellanta ma jinsabux fl-atti, u għalhekk dawn ma setgħux ġew ikkonsidrati mill-Bord qabel dan ta d-deċiżjoni tiegħu. Minkejja dan, il-Bord fis-sentenza tiegħu qal li ġew ikkonsidrati s-sottomissjonijiet kollha li saru. Il-Qorti tosserva li anki s-sottomissjonijiet tal-appellata nomine iddaħħlu tardivament, u għalhekk f'każ li n-nuqqas ta' osservanza tat-termini imposti għall-intavolar ta' sottomissjonijiet

jew dokumentazzjoni kienet ir-raġuni għalfejn il-Bord injora s-sottomissjonijiet tal-appellanta, dan kellu jinjora wkoll is-sottomissjonijiet tal-appellata nomine. Il-Bord kien obbligat li jimxi bl-istess mod mal-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri, ladarba t-tnejn li huma kienu tardivi fil-preżentata tas-sottomissjonijiet tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti wkoll, ladarba spiss jirriżulta li l-Bord ma jkunx strett fuq l-osservanza tat-termini imposti minnu, is-sottomissjonijiet tal-appellanta kellhom jiġu kkunsidrati mill-Bord, partikolarment meta wieħed iqis li hija ma kellha l-ebda ħtija jew nuqqas għall-fatt li l-istabbiliment fejn kienet ser tiġi impjegata ma kellux liċenzja tal-MTA għal tul ta' żmien. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-ewwel aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju: fatti estranji u irrilevanti għall-każ odjern*

17. L-appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata wkoll għaliex il-Bord sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq fatti li huma kompletament estranji u irrilevanti għal dan il-każ, partikolarment fejn dan ibbaża ruħhu fuq il-premessa li l-impjieg tal-appellanta ġie tterminat, meta dan ma kienx il-każ, u ma jirriżultax mill-atti.

18. Il-Qorti tirrileva li dan kien żball evidenti tal-Bord, għaliex ma jirriżultax li l-appellanta kellha impjieg hawn Malta u li dan l-impjieg kien ġie tterminat. Fid-deċiżjoni appellata l-Bord ippremetta li l-permess tal-appellanta ġie revokat minħabba fit-terminazzjoni tal-impjieg tagħha, u l-appellanta kellha l-obbligu li tipprova li d-deċiżjoni tal-appellata nomine mhijiex korretta billi tipprova li l-impjieg tagħha ma kienx ġie tterminat. Dak li qal il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu

għalhekk għandu jingħata d-debita importanza, u dan għaliex ma jirriżultax li l-appellanta kienet impjegata u l-impjieg tagħha ġie tterminat. Il-Qorti tirrileva li d-deċiżjonijiet tal-Bord fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw il-ħajja ta' persuni ħafna drabi vulnerabbli li jaqsmu kontinenti sħaħ, u jħallu familja warajhom sabiex jittentaw isibu xortihom f'pajjiżna. Li persuna tgħaddi mill-proċess amministrattiv biex tikseb permess ta' residenza u tiġi rifjutata għal raġunijiet li dik l-istess persuna m'għandhiex kontroll fuqhom, hija diġà sors ta' frustrazzjoni għal min ikun f'dis-sitwazzjoni. Li l-persuna tirrikorri għal rimedju li tipprovdi għalih il-liġi, u l-każ tagħha jiġi ttrattat bil-leġġerezza li ntweriet fil-każ odjern, huwa nuqqas gravi ferm li jindika li l-Bord mhux japprezza biżżejjed ir-responsabbilità li huwa fdat biha. Il-Qorti ttenni li huwa l-għajxien ta' dawn il-persuni li huwa affettwat bid-deċiżjonijiet tal-appellata nomine u tal-Bord, u għalhekk kull deċiżjoni li tingħata trid tkun ibbażata fuq il-ħarsien tal-liġijiet u partikolarment id-drittijiet fundamentali tal-individwu. Għal dawn ir-raġunijiet, tqis li t-tieni aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu ukoll.

*It-tielet aggravju: żball manifest u leżiv tad-drittijiet tal-appellanta*

19. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta saħqet li hawnhekk sar żball manifest għaliex l-impjieg prospettiv tagħha ma kienx marbut mal-liċenzjar tal-istabbiliment li kellha taħdem miegħu, u anki għaliex sabiex hija tkun tista' tippresta s-servizzi li ntalbet tippresta mill-prinċipal prospettiv, hija ma kellha bżonn tal-ebda liċenzja. L-appellata nomine laqgħet għal dan billi qalet li kien fl-interess tal-appellanta li jiġi assigurat li l-istabbiliment li hija kellha taħdem miegħu kien kopert bil-liċenzji meħtieġa, u dan sabiex tiġi evitata

sitwazzjoni fejn persuna tivvjaġġa bil-ħsieb li tagħmel il-futur tagħha f'pajjiż ieħor, u wara tiskopri li l-impjieg offrut lilha huwa f'negozju li mhux liċenzjat jew li mhux qiegħed jopera b'konformità mal-liġi.

20. Il-Qorti tqis li sadanittant l-imsemmija liċenzja tal-MTA inħarġet, tant hu hekk li ġiet ippreżentata mill-avukat difensur tal-appellanta waqt l-udjenza li saret quddiem il-Qorti. Dan ifisser li l-impediment li kien hemm biex l-applikazzjoni tal-appellanta tiġi pproċessata ġie sorvolat. Il-Qorti għal darb'oħra tħoss il-ħtieġa li ttenni mill-ġdid li dawn huma deċiżjonijiet li jolqtu mill-qrib l-għajxien ta' persuni li jippruvaw jibnu ħajjithom f'pajjiżna, billi jipprovdu s-servizzi tagħhom, ħafna drabi b'sagrifiċċji personali għalihom. Ma jistax ikun li applikazzjoni bħal dik tal-appellanta tiġi rifjutata għaliex xi aġenzija jew awtorità governattiva tkun għadha ma ħarġitx il-liċenzja meħtieġ sabiex in-negozju li jkun qiegħed jipprovdilha l-impjieg ikun jista' jopera. Dan qiegħed jingħad fil-kuntest taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u tal-fatt li l-applikazzjoni tal-appellanta ġiet rifjutata sempliċement għaliex kien hemm dewmien fil-ħruġ tal-liċenzja tal-MTA għal numru ta' ġimgħat. Il-Qorti tirrileva li dan ma kienx każ fejn l-MTA rrfjutat li toħroġ il-liċenzja rikjesta, f'liema każ l-appellata nomine kienet tkun ġustifikata li tibgħat tinforma lill-appellanta bir-rifjut tagħha, iżda dan kien każ fejn kien hemm dewmien biex inħarġet il-liċenzja rikjesta għal raġunijiet li l-appellanta ma kellha l-ebda kontroll fuqhom. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex dan jieħu konjizzjoni ta' din is-sentenza u tal-fatt li l-liċenzja tal-MTA issa nkisbet, qabel jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-appellanta.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellata nomine.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**